Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 101/15**
Il-Lussemburgu, 15 ta' Settembru 2015

Sentenza fil-Kawża C-67/14
Jobcenter Berlin Neukölln vs Nazifa, Sonita, Valentina u Valentino Alimanovic

# Stat Membru jista' jeskludi minn ċerti benefiċċji soċjali, li ma humiex kontributorji, lil ċittadini tal-Unjoni li jmorru hemm sabiex ifittxu impjieg

Il-barranin li jaslu l-Ġermanja sabiex jiksbu għajnuna soċjali jew li d-dritt ta' residenza tagħhom huwa ġġustifikat biss għaliex qegħdin ifittxu impjieg, huma esklużi mill-benefiċċji għall-assigurazzjoni bażika Ġermaniża ("Grundsicherung")[1]. Fis-sentenza Dano[2], il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ikkonstatat li tali esklużjoni hija leġittima għaċ-ċittadini ta' Stat Membru li jaslu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr ir-rieda li jsibu impjieg hemmhekk.

F'din il-kawża, il-Qorti Federali li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (Bundessozialgericht, il-Ġermanja) trid tkun taf jekk tali esklużjoni hijiex leġittima wkoll f'dak li jirrigwarda ċittadini tal-Unjoni li jkunu żaru t-territorju ta' Stat Membru ospitanti sabiex ifittxu impjieg hemmhekk meta dawn ikunu diġà ħadmu hemmhekk għal xi żmien, filwaqt li dawn il-benefiċċji jkunu ggarantiti liċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni.

Din il-kwistjoni tqum fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Jobcenter Berlin Neukölln u erba' ċittadini Svediżi: N. Alimanovic, imwielda l-Bożnija, u t-tlett ulied tagħha Sonita, Valentina u Valentino, imwielda l-Ġermanja fl-1994, 1998 u 1999 rispettivament. Il-familja Alimanovic telqet mill-Ġermanja matul l-1999 lejn l-Isvezja u rritornat hemmhekk f'Ġunju 2010. Mar-ritorn tagħhom, Nazifa Alimanovic u bintha l-kbira Sonita kellhom, minn Mejju 2011, diversi impjiegi għal perijodu qasir jew kellhom opportunitajiet ta' xogħol biss għal inqas minn sena. Wara, huma ma eżerċitawx attività professjonali iktar. Il-familja Alimanovic wara ingħatat xi benefiċċji għall-assigurazzjoni bażika fil-perijodu bejn l-1 ta' Diċembru 2011 u l-31 ta' Mejju 2012, jiġifieri, minn naħa, benefiċċji tal-għajxien għal persuni qegħda għal żmien twil ("Arbeitslosengeld II") għal Nazifa Alimanovic u bintha Sonita u, min-naħa l-oħra, benefiċċji soċjali għal persuni li mhux kapaċi jaħdmu għall-ulied Valentina u Valentino. Fl-2012, l-awtorità kompetenti (Jobcenter Berlin Neukölln) finalment ma baqgħetx tħallas il-benefiċċji, peress li kkunsidrat li N. Alimanovic u bintha l-kbira kienu esklużi mill-benefiċċji kkonċernati bħala persuni barranin li qegħdin ifittxu impjieg li d-dritt ta' residenza tagħhom kienet iġġustifikata biss għaliex kienu qegħdin ifittxu impjieg. Konsegwentement, din l-awtorità eskludiet ukoll lill-ulied l-oħrajn mill-benefiċċji rispettivi.

B'risposta għad-domandi tal-qorti Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tiddeċiedi, bis-sentenza tagħha ta' llum, li l-fatt li jiġu miċħuda liċ-ċittadini tal-Unjoni, li d-dritt ta' residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti hija ġġustifikata biss għaliex qegħdin ifittxu impjieg, ċerti

[1] Dawn il-benefiċċji huma intiżi b'mod partikolari li jiżguraw l-għajxien tal-benefiċċjarji.
[2] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2014, Dano (C-333/13), ara wkoll l-SS Nru 146/14.

"benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus"[3], li wkoll jikkostitwixxu "benefiċċji tal-assistenza soċjali"[4], **ma huwiex kuntrarju għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament**[5].

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-benefiċċji inkwistjoni huma intiżi li jiggarantixxu riżorsi għall-għajxien lil persuni li ma jkunux jistgħu jiżguraw l-għajxien tagħhom u li huma jkunu s-suġġett ta' finanzjament mhux kontributtiv permezz tat-taxxa, anki jekk huma jagħmlu parti minn skema li tipprevedi barra minn hekk benefiċċji intiżi sabiex jiffaċilitaw it-tfittxija ta' impjieg. Hija tenfasizza li, bħal fil-kawża Dano, dawn il-benefiċċji għandhom jiġu kkunsidrati bħala "benefiċċji tal-assistenza soċjali".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, sabiex ikun jista' jaċċedi għal benefiċċji tal-assistenza soċjali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ċittadin tal-Unjoni jista' jinvoka ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti biss jekk ir-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti tkun tosserva l-kundizzjonijiet tad-Direttiva "ċittadin tal-Unjoni"[6].

Fir-rigward tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg, bħal dawk f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li jeżistu żewġ possibbiltajiet sabiex jingħata dritt ta' residenza:

Jekk ċittadin tal-Unjoni li bbenefika minn dritt ta' residenza bħala ħaddiem isib ruħu **involontarjament bla xogħol wara li jkun ħadem għal perijodu ta' mill-inqas sena** u jkun irreġistrat bħala **persuna li qiegħda tfittex impjieg** mas-servizz tal-impjieg kompetenti, huwa **jżomm l-istatus ta' ħaddiem u d-dritt ta' residenza għal mill-inqas sitt xhur**. Matul dan l-istess perijodu, huwa jista' jipprevalixxi ruħu mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u għandu dritt għal benefiċċji tal-assistenza soċjali.

Meta ċittadin tal-Unjoni **ma jkunx għadu ħadem** fl-Istat Membru ospitanti jew meta l-**perijodu ta' sitt xhur ikun skada,** persuna li tkun qiegħda tfittex impjieg ma tistax titkeċċa minn dan l-Istat Membru sakemm tkun tista' tipprovdi evidenza li qiegħda tkompli tfittex impjieg u li għandha possibbiltà ġenwina li ssibu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, **l-Istat Membru ospitanti jista' madankollu jiċħad kull benefiċċju tal-assistenza soċjali**.

Fl-aħħarnett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, meta Stat ikun se jadotta miżura ta' tkeċċija jew jikkonstata li persuna tikkostitwixxi piż mhux raġonevoli għas-sistema ta' assistenza soċjali fil-qafas tar-residenza tagħha, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata[7]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tali **eżami individwali ma huwiex neċessarju**, peress li **s-sistema gradwali taż-żamma tal-istatus ta' ħaddiem** prevista fid-direttiva "ċittadin tal-Unjoni" (sistema li hija intiża sabiex tissoda d-dritt ta' residenza u l-aċċess għall-benefiċċji soċjali) **hija stess tieħu inkunsiderazzjoni** fatturi differenti li jikkaratterizzaw **is-sitwazzjoni individwali** tal-persuna li titlob benefiċċju soċjali. Barra minn hekk, hija tispeċifika li l-kwistjoni ta' jekk l-għoti tal-benefiċċji soċjali jirrappreżentax "piż [mhux raġonevoli]" għal Stat Membru għandha tiġi evalwata fir-rigward ta' meta jingħaddu t-talbiet individwali kollha mressqa.

---

**NOTA :** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità

[3] Dawn il-benefiċċji huma ddefiniti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010, tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, p. 35). Għall-Ġermanja, ir-regolament jiċċita b'mod partikolari l-benefiċċji li huma intiżi li jiggarantixxu riżorsi għall-għajxien skont l-assigurazzjoni bażika għal persuni li qegħdin ifittxu impjieg. Il-Qorti Federali li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali kklassifikat il-benefiċċji inkwistjoni bħala "benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus".

[4] Fis-sens tad-Direttiva "ċittadin tal-Unjoni" (Direttiva 2004/38/KE).

[5] Dan il-prinċipju huwa stabbilit fit-trattati tal-Unjoni u speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004 u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38.

[6] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membru u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

[7] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2013, Brey (C-140/12).

ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*